MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 618/2003/1

**Avviz Numru 618/03**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta.**

**vs**

**Alfred Pisani**

Rat li fit-13 ta' Lulju 2010 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat is-segwenti sentenza:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikorsipprezentat mill-korporazzjonijiet attrici fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut*

*ihallas lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma proprio et nomine, is-somma ta' erbat elef u tnejn u ghoxrin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm4,022.81) dovuti minnu lilha proprio et nomine kwantu ghas-somma ta' elf sitt mija u erbghin Lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,640.27) ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter tal-ilma u ghall-konsum tal-elettriku u kera ta' meter tal-elettriku fil-fond Metro Butcher, Triq is-Sirk, Swieqi matul il-perijodu 10 ta' April 1995 sad-29 ta' Novembru 1991 skont il-kont numru 515786542 u d-dokument anness (WSC 1) u kwantu ghas-somma ta' elfejn tliet mija u tnejn u tmenin Lira u erbgha u hamsin centezmu (Lm2,382.54) ghall-konsum tal-ilma u kera ta' meter tal-ilma u ghall-konsum tal-elettriku u kera ta' meter tal-eletriku fil-fond Lee Lake, triq il-Ghajn, Swieqi ghall-perijodu 13 ta' Ottubru 1994 sat-23 ta' Guju 2003 skont il-kont nurmu 515108470 u d-dokumenti annessi (WSC 2 u WSC 3).*

*Bl-ispejjez inkluz Lm2.95 u Lm8.50 spejjez ta' ittri ufficjali tat-22 ta' Novembru 1993 u dik tas-27 ta Marzu 1998 kontra l-konvenut li kien ingunt in subizzjoni.*

*Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Mejju 2005 meta deher il-konvenut u ha konjizzjoni tal-avviz u tal-kapitolu ghas-subizzjoni tieghu fejn iddikjara li kien ser jinkariga avukat bhala rapprezentant legali tieghu.*

*Semghet lill-konvenut Alfred Pisani jixhed nhar id-19 ta' Mejju 2005 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fejn stqarr li huwa ha l-passi kollha mehtiega sabiex jinkariga avukat tal-ghajnuna legali sabiex ikun jista' jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, u kkonferma in subizzjoni tieghu li huwa m'ghandux jaghti dik is-somma mitluba mill-korporazzjonijiet attrici.*

*Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa s-segwenti:-*

*I. "Illi preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija preskritta skont il-ligi a tenur inter alia tal-artikoli 2148 (f) u 2156 (f) tal-kap 16 tal-ligjiet ta' Malta.*

*2. Illi t-talba tal-korporazzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-fatti ma grawx kif qed tallega l-korporazzjoni attrici u stante li l-ammont mitlub mill-korporazzjoni attrici mhuwiex dovut mill-konvenut, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3 Salv eccezzjonijiet ohra.”*

*Rat in-nota tal-korporazzjonijiet attrici prezentata fl-atti nhar l-10 ta’ April 2008 li permezz taghha esebixxa vera kopji tal-ittri ufficjali datati 22 ta’ Novembru 1993 u 27 ta’ Marzu 1998. Dawn gew immarkati bhala Dok. KS1 u KS2 rispettivament.*

*Semghet il-konvenut Alfred Pisani jixhed nhar l-14 ta’ Ottubru 2008 u cahad li jaf xi haga dwar il-fond fi Triq il-Ghajn, Swieqi. Stqarr li huwa qatt ma ghex f’din it-triq u wisq inqas qatt ma kellu hanut f’din it-triq. Dwar Triq is-Sirk jghid li kellu zewgt ihwienet Metro Butcher u Metro Self Service. Fuq il-fond ta’ Triq il-Ghajn, jghid li ma jaf xejn.*

*Dwar il-fond Metro Butcher jghid li kien krieh lil xi hadd u kellu problemi kbar mieghu, qal li sahansitra anke kellu jinvolvi l-pulizija peress li kien ser iqabbadlu kullimkien. Jghid li din it-terza persuna, Emmanuel Borg, kellu jtih xi flus pero’ qatt ma resaq biex ihallsu, u fil-fatt il-kuntratt ma sarx u lanqas transfer ta’ metres ma kien hemm. Jghid li l-ewwel darba li sar jaf li kellu jaghti xi flus lill-korporazzjoni kien meta ra l-avviz fuq il-gazzetta u kien mar huh u attiralu l-attenzjoni dwar l-avviz. Jghid li kien biegh dawn iz-zewg fondi fis-snin disghin u kien waqaf jopera minnhom fis-sena 1986. Jghid li l-post inghalaq permezz ta’ xi mandat tal-Qorti.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f’din il-kawza m’hemmx wisq provi x’tezamina salv iz-zewg prospetti esebiti mill-korporazzjoni attrici u mmarkati bhala Dok WS1 u WS2 esebiti mal-avviz promotur, u x-xhieda moghtija mill-konvenut.*

*Illi minn ezami tad-dokumenti WS1 u WS2 jirrizulta li l-konvenut kellu kontijiet pendenti mal-korporazzjonijiet attrici in kwantu ghas-somma ta' elf sitt mija u erbghin Lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1,640.27) fuq il-fond Metro Butcher, Triq is-Sirk, Swieqi u s-somma ta' erba' mija u disgha u erbghin Lira u erbgha u sittin centezmu (Lm449.64) fuq il-fond fi Triq il-Ghajn, Swieqi u dan ghall-perijodu sa zmien qabel is-sena 1989 sal-1995 rigward il-fond Metro Butcher u ghall-perijodu bejn is-sena 1993 sas-sena 1996 fuq il-fond fi Triq il-Ghajn, Swieqi. L-attur ma ressaq l-ebda prova ohra.*

*Jinghad qabel xejn li dwar il-fond fi Triq il-Ghajn, Swieqi l-konvenut jghid li qatt ma kellu x'jaqsam mieghu. Il-Korporazzjoni attrici ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradici din ix-xhieda tal-konvenut, lanqas il-formola li suppost mela l-konvenut una volta nghata s-servizz sabiex jipprova li r-registered person fuq dan il-fond kien verament il-konvenut. Illi ghalhekk fid-dawl ta' din il-prova konflingenti l-Qorti ma tistax tattribwixxi debitu lill-konvenut, u ghalhekk din il-Qorti sejra biss titratta l-kwistjoni tad-debitu tal-konvenut rigward il-fond Metro Butcher, naturalment fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.*

*Filwaqt li l-Artikolu 2148 (f) tal-Kap 16 jipprovdi s-segwenti:-*

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq tat-tmintax-il xahar:-*

*(f) "L-azzjonijiet ta' kull persuna ghall-kera ta' hwejjeg mobbli."*

*L-artikolu 2156 ( f) tal-Kap 16 jipprovdi s-segwenti:*

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) "l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht*

*preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"*

*Il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appelli (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta vs Emanuel Grixti fejn inghad li :-"Ibda biex qed jigi osservat illi l-preskrizzjoni sollevata a tenur tal-Artikolu 2148 (f) riferibilment "ghall-kera ta' hwejjeg mobbli" ma ticcentra xejn fil-kaz ta' azzjoni ghall-hlas bhal dak pretiz bl-avviz. Hawn si tratta ta' ghoti ta' servizz u l-fatt tal-meter rentals hu biss incidentali ghall-prestazzjoni ta' dak is-servizz. Ara in materja l-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "John Scicluna nomine vs Robert Spiteri", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Novembru 1992 anke jekk dak il-kaz mhux ezattament identiku, trattasi minn talba ghall-hlas tas-servizz tat-telephone."*

*Jibqa' l-fatt illi dak l-istess hsieb f'dik is-sentenza hu valevoli ghall-fattispeci tal-kaz in diskussjoni, u allura, il-preskrizzjoni li, se mai, hi applikabbli hi dik kontemplata fl-Artikolu 2156 (f), u mhux ukoll dik tal-Artikolu 2148 (f).*

*Il-Qorti ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija nhar it-30 ta' April 2009 (Appell Civili Numru. 622/2003/1) fl-ismijiet Paul u Vincenza konjugi Tabone vs Dominic u Mary konjugi Cutajar fejn saret referenza ghas-sentenza "Philip A. Tabone noe vs Concrete Mix Limited" (P.A. (JRM) – 28 ta' Lulju 2004 - Cit. Nru: 1750/99/JRM) fir-rigward ta' dan l-artikolu jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin 'preskrizzjonijiet qosra'. Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa (Ara, per ezempju, Baudry-Lacantinerie et Tissier fit-Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile [Vol.XXVIII, 'Della Prescrizione' par.712).*

*Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma 'kreditu' tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16*

*tal-Ligijiet ta’ Malta il-kelma ‘kreditu’ msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu (ara kawza fl-ismijiet “Naudi vs Maltacom p.l.c. P.A.(GCD) – 9 ta’ Novembru 2001). Ta’ min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-Artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta’ flus u mhux obbligazzjonijiet di fare.*

*Intqal ukoll li peress li l-preskrizzjoni ‘residwali’ mahsuba taht l-artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni “eiusdem generis”, allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta’ flus (App.Civ 7/2/1949 fil-kawza fl-ismijiet Saliba et vs Grech [Kollez. Vol.XXXIII.i.397]). Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta’ krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus (P.A. 19/10/1954 fil-kawza fl-ismijiet Mifsud vs Pullicino [Kollez. Vol XXXVIII.ii.588]).*

*Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi l-kreditu pretiz mill-atturi huwa wiehed li jaqa’ fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap.16.*

*Illi issa jrid jitqies jekk l-azzjoni tal-Korporazzjoni attrici pro et noe saritx fiz-zmien jew jekk, bhalma qed isostnu l-konvenuti, kienx ghalqilha z-zmien utli biex tmexxi kontrihom.*

*Illi m’hemmx dubju li fil-kaz odjern il-kreditu huwa wiehed naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, liema kreditu la jirrizulta minn xi att pubbliku u lanqas ma jaqa’ taht perjodu ta’ preskrizzjoni iqsar, u ghalhekk huwa u proprju dan l-artikolu tal-ligi li japplika fil-kaz odjern.*

*Illi stabilit dan il-fatt, u cioe’ li l-perijodu preskrittiv huwa dak ta’ hames snin, il-Qorti trid issa tezamina l-provi*

*prodotti fid-dawl ta' din l-eccezzjoni. Jinghad li dan id-debitu, dejjem fir-rigward tal-fond Metro Butcher, u cioe' is-somma pretiza ta' elf sitt mija u erbghin Lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1640.27) huwa kont li ghandu l-bidu tieghu sa minn qabel is-sena 1989, peress li fid-dokument esebit u markat bhala Dok WSC1 hemm indikat li f'Dicembru 1989 kien hemm carried forward l-ammont ta' elf u wiehed u ghoxrin Lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm1021.276). Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien jaghmel certu pagamenti akkont, l-ahhar wiehed registrat kien fl-4 ta' Novembru 1991.*

*Issa minn ezami tal-process jirrizulta li fit-22 ta' Novembru 1993 kienet giet intavolata ittra ufficjali fil-konfront tal-konvenut, pero' din ma tirrizultax li giet notifikata lill-konvenut (vide fol. 51). F'dan l-istadju hu mportanti wkoll li jigi kkwotat l-artikolu 2128 tal-Kap 16 li jghid :*

*'Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car li s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.'*

*Illi jirrizulta wkoll li hemm ittra ufficjali ohra pprezentata mill-Korporazzzjoni attrici datata 27 ta' Marzu 1998, u din giet notifikata lill-konvenut nhar it-2 ta' April 1998 (fol. 53).*

*Ghalhekk bejn il-perijodu tal-4 ta' Novembru 1991 sat-2 t'April 1998 lahqu ghaddew hafna aktar minn hames snin, ghaliex in effetti ghaddew seba' snin. Din l-ittra ufficjali ghalhekk ma tiswiex sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni ai terminu tal-Artikolu 2128 tal-Kap 16. Ma jidhirx illi hemm xi att guidzzjarju iehor li seta' gie pprezentat fil-konfront tal-konvenut u ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni qed tigi milqugha.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 fir-rigward tal-hanut Metro Butcher. Rigward il-fond fi Triq l-Ghajn, Swieqi qieghda tichad it-talba attrici ghaliex ma*

*giex provat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li dan il-fond kien jghajjat lill-konvenut.*

*L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-Korporazzjoni attrici".*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta datat 2 ta' Awwissu 2010 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi talbet li tigi annullata s-sentenza fl-ismijiet premessi tat-13 ta' Lulju 2011 u dan billi tiddikjara li l-kapitoli prezentati mill-istess korporazzjoni allura attrici, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2010, huma ammessi mill-appellat, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut appellat u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut appellat, jew alternattivament tibghat l-istess kawza lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara li tannulla s-sentenza appellata, sabiex tkompli tinstema' u tigi deciza minn dik l-istess Qorti skont il-ligi.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Alfred Pisani datata 14 ta' April 2011 a fol 20 tal-process fejn issottometta li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza fl-ismijiet premessi tat-13 ta' Lulju 2010 tigi kkonfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Gunju 2011 fejn id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-6 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza nkluz l-atti kollha tal-kawza hawn mertu ta' dan l-appell.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-Korporazzjoni appellanti ressqet zewg aggravji li huma (1) kien prezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut fil-5 ta' Lulju 2010 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tal-konvenut ghat-13 ta' Lulju 2010, u minflok il-Qorti ddecidiet il-kawza minghajr ma ghamlet riferenza ghall-istess kapitolu; (2) meta inghatat id-decizjoni l-Korporazzjoni attrici kienet ma ghalqitx il-provi u dan meta l-konvenut kien ilu ma jidher fil-kawza mill-21 ta' Novembru 2008, u ghalhekk la darba hija riedet itella' lill-konvenut bhala xhud, u dan baqa' ma deherx ipprezentat il-kapitolu fil-5 ta' Lulju 2010 u l-Qorti halliet l-istess sabiex l-konvenut jirrispondih ghat-13 ta' Lulju 2010, u allura l-Qorti ma setghatx tghaddi ghas-sentenza fl-istess gurnata u tinjora l-istess kapitolu, li la darba ma deherx il-konvenut, kellu jigi kkunsidrat bhala ammess.

Illi din il-Qorti thoss li l-Korporazzjoni appellanti fit-tieni aggravju ghandha ragun ghaliex kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 l-istess korporazzjoni kienet fi stadju li tressaq il-provi taghha u jidher li l-korporazzjoni attrici kienet ilha biex tharrek lill-konvenut mis-seduta tal-21 ta' Novembru 2008, liema konvenut ma setax jinstab kif jidher mir-riferti a tergo ta' l-ingunzjoni a fol. 80 tal-process, u meta rat hekk hija prezentat f'dik l-istess seduta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut, u l-kawza thalliet ghal dan l-iskop ghat-13 ta' Lulju 2010. Fit-13 ta' Lulju 2010 ma deher hadd u allura kellu fl-ewwel lok isehh dak indikat fl-artikoli 698 u 702 tal-Kap. 12, izda certament l-istess Qorti ma setghatx tghaddi ghas-sentenza u fl-istess waqt tinjora l-effetti ta' tali kapitolu, u l-effett li dan ghandu fuq il-posizzjoni tal-konvenut, iktar u iktar meta l-provi tas-socjeta' attrici kienu ghadhom mhux maghluqa, u allura l-kawza lanqas kienet ghas-sentenza, u ghalhekk din il-Qorti thoss li dan l-aggravju huwa ben fondat u jwassal sabiex l-istess sentenza tigi ddikjarata nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi dwar l-ewwel aggravju dan in verita' gja gie trattat fil-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dwar it-tieni aggravju u hawn issir riferenza wkoll ghal dak li jipprovdu l-artikolu 698 u 702 tal-Kap. 12, li jidher li ghandhom japplikaw

ghall-kaz in ezami u ghalhekk dan l-aggravju in kwantu konformi mal-istess artikoli qed jigi wkoll milqugh.

Illi jinghad ukoll ghall-kompletezza li fir-risposta tal-appellat ma hemm xejn li b'xi mod jindirizza l-aggravji tal-Korporazzjoni appellata, ghaliex il-kontenut tal-istess risposta huwa biss dwar il-mertu, meta l-appell odjern certament li ma huwiex fuq hekk, ghalkemm il-Qorti tapprezza li ftit hemm wiehed x'jghid dwar l-aggravji mressqa fid-dawl ta' kif sviluppa l-kaz quddiem l-Ewwel Qorti, ghalkemm il-Qorti tinnota li dan ma huwiex il-mod kif jitmexxa l-kaz miz-zewg partijiet specjalment meta dan il-kaz ilu pendenti mis-sena 2003.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi milqugh b'dan li f'dan il-kaz id-decizjoni fl-ismijiet premessi tat-13 ta' Lulju 2010 qed tigi annullata ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u l-process qed jigi rimess lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza, l-kaz jigi trattat u deciz skont il-ligi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad r-risposta tal-appellat Alfred Pisani datata 14 ta' April 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta datat 2 ta' Awwissu 2010 fis-sens hawn deciz u b'hekk thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta vs Alfred Pisani" datata 13 ta' Lulju 2010 (Avviz Numru 618/2003) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b'dan li tirremetti u tibghat lura l-atti ta' din il-kawza lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz, titratta u tiddeciedi l-istess kaz skont il-ligi.**

**Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------